MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2012

Talba Numru. 116/2009

**Talba Nru: 116/2009VGD**

Publius Pisani (Id. 27455G)

Vs

Winston Carbone.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur ippremetta illi f'Awissu/Settembru tal-2007, fuq inkarigu tal-konvenut, huwa ghamel xoghol fil-proprjeta' ta' l-istess konvenut, fi Triq il-Hwawar, limiti tax-Xwieki, l-Iklin. Dan ix-xoghol kien jikkonsisti fi ftuh ta' twieqi, tkissir ta' saqaf, xoghol ta' concrete, tqeghid tal-madum, tikhil u kisi u xogholijiet ohra ta' l-istess generu. Illi f'Settembru tal-2007, qabel ma l-attur lesta x-xogholijiet kollha li kien inkarigat jaghmel, il-konvenut waqqfu milli jkompli jahdem. Illi l-attur baghat lill-konvenut il-kont tax-xoghol li kien ammontanti ghal

tmien telef, sebgha mija u disa u disghin ewro u wiehed u tmenin centezmu kompriz il-VAT. Wara li l-konvenut ghamel diversi pagamenti, ghad fadallu jhallas lill-attur il-bilanc ta' tlett elef, seba mija u sebgha u sebghin centezmu, li l-konvenut qed jirrifjuta li jhallas ghalkemm mitlub. Ghal fini ta' kompetenza l-ammont mitlub f'din il-kawza qed jigi ridott ghal tlett elef, erba mija u erba u disghin ewro (€3,494.00).

Ra r-risposta tal-konvenut li ecepixxa (i) illi huwa m'ghandu jaghti xejn lill-attur stante li huwa thallas ta' xogholu u ma hemm l-ebda bilanc dovut lilu; (ii) illi fi kwalunkwe kaz, id-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-azzjoni odjerna hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2148(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Salv eccezzjonijiet ohra.

Sema' x-xhieda tal-konvenut Winston Carbone.

Sema' x-xhieda tal-attur Publius Pisani.

Ra l-verbal tas-seduta ta' l-1 ta' Dicembru 2010, fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.

Ra s-sentenza moghtija minn dan it-Tribunal datata 28 ta' Jannar 2011, fejn l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut giet michuda.

Ra l-atti kollha.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

**Ikkunsidra.**

Illi gjaladarba l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut giet michuda permezz ta' sentenza moghtija minn dan it-Tribunal fit-28 ta' Jannar 2011, issa jonqos biss li l-kawza tigi deciza fil-mertu.

Illi l-attur qed jitlob il-hlas ta’ bilanc dovut mill-konvenut wara li huwa kien ezegwixxa xi xogholijiet fl-istess proprjeta’ tal-konvenut. Skond l-attur, dan ix-xoghol kien jikkonsisti fi ftuh ta’ twieqi, tkissir ta’ saqaf, xoghol ta’ concrete, tqeghid tal-madum, tikhil u kisi kif ukoll xogholijiet ohra ta’ l-istess generu.

Illi skond l-attur alavolja huwa kien lahaq ghamel hafna minn dan ix-xoghol, ghal xi raguni l-konvenut kien waqqfu milli jkompli u ghalhekk l-attur kien baghat il-kont tieghu ghal dawk ix-xogholijiet kollha li kien lahaq ghamel. Il-konvenut kien ghamel xi hlasijiet akkont tal-kont imsemmi, pero mbaghad ma kompliex ihallas il-bilanc dovut, u ghalhekk kellha ssir il-kawza odjerna. Fil-fatt il-bilanc dovut mill-konvenut gie ridott mill-attur ghall-finijiet ta’ kompetenza ta’ dan it-Tribunal.

L-attur spjega li ghall-ewwel kien hemm xi diskussjonijiet bejn il-partijiet dwar partit ta’ van Isuzu, izda dan it-tpartit qatt ma sar u fil-fatt il-van qatt ma gie trasferit fuq l-attur. Huwa spjega wkoll li l-kont tieghu m’ghandu x’jaqsam xejn ma kwistjonijiet ta’ tpartit u ma jinkludi l-ebda kalkolu fir-rigward ta’ tali tpartit.

Illi minn-naha tieghu, l-konvenut xehed li huwa kien qabbad lill-attur sabiex dan jaghmel xi xogholijiet ta’ alterazzjoni fil-proprjeta’ tieghu u li ghall-ewwel il-ftehim kien li jkun hemm tpartit fis-sens li l-attur jithallas ghax-xogholijiet li jkun ghamel permezz ta’ van li kellu jghaddi mill-konvenut ghall-attur.

Illi skond il-konvenut ix-xogholijiet kienu bdew jaqaw lura u ghalhekk il-konvenut kien talab lura l-van mill-attur u kien anki waqqfu milli jkompli ghaddej bix-xogholijiet. Sussegwentement meta l-attur baghat il-kont tieghu lill-konvenut, dan ta’ l-ahhar ghamel xi hlasijiet akkont u mbaghad skond hu ghamel pagament finali ta’ xi erba mitt Lira Maltin.

Illi tenut dan kollu in konsiderazzjoni u wara li ra l-provi kollha prodotti, dan it-Tribunal jidhirlu li l-konvenut bl-ebda mod ma pprova li l-ammont mitlub minghand l-attur

mhuwiex dovut minnu.  Huwa ma ta l-ebda spjegazzjoni dwar kemm hallas fil-verita', jew kemm deherlu li ghandu jhallas u lanqas ma gab xi kopji tac-cekkijiet li thallsu minnu.  Oltre dan, il-konvenut ma gab l-ebda prova dwar il-hlas li skond hu kien sar a saldu jew 'in full and final settlement', jew li tali pagament kien gie accettata mill-konvenut a saldu.  Din il-prova bilfors kellha tigi prodotta mill-attur, u ma jistax jippretendi li dan it-Tribunal jaccetta l-versjoni tieghu minghajr ebda prova f'dan ir-rigward. Fin-nuqqas ta' dawn il-provi, dan it-Tribunal jidhirlu li ghandu jistrieh fuq id-dokument 'A' esebit mill-attur, li juri l-kont kemm kien, u l-hlasijiet li saru da part ital-konvenut, kif ukoll il-bilanc li ghadu dovut.  Ma gie prodott xejn li b'xi mod jikkontesta dak li hemm imnizzel fuq dan id-dokument.

Illi ghalhekk, stante li l-attur rnexxilu jipprova li l-ammont minnu mitlub huwa effettivament dovut, u stante li minn-naha tieghu l-konvenut bl-ebda mod ma pprova li m'ghandu jaghti xejn lill-attur u/jew li ma hemm l-ebda bilanc dovut, dan it-Tribunal jidhrilu li t-talba attrici ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni fil-mertu tal-konvenut, u jilqa t-talba attrici billi jikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tlett elef, erba mija u erba u disghin ewro (€3,494.00).  L-ispejjes tal-kawza ghandhom jigu ssopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------